

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2017 – de la Fuente Martín et vs SRB****(Kawża T-619/17)**

(2018/C 005/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Juan Antonio de la Fuente Martín (Madrid, Spanja) u 25 rikorrent ieħor (rappreżentanti: M. Durán Muñoz u M. Duran Campos, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

**Talbiet**

- tannulla, tneħħi kull effett u tħassar, ir-riżoluzzjoni jew id-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, adottata fis-sessjoni eżekuttiva estiża tagħha, tas-7 ta' Ġunju 2017, SRB, id-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08, ippubblikata parzjalment u mhux kompluta fit-12 ta' Lulju 2017, li permezz tagħha ġie deċiż li tiġi adottata riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA, sabiex tirritorna lill-azzjonisti u lid-detenturi ta' strumenti azzjonarji l-azzjonijiet rispettivi tagħhom u l-istrumenti azzjonarji ta' dan il-bank, u konsegwentement, tistabbilixxi mill-ġdid id-drittijiet kollha ta' dawn tal-aħħar;
- sussidjarjament, tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata tal-SRB ikkawżat danni lill-azzjonisti u lid-detenturi ta' bonds ta' Banco Popular Español, S.A., li l-SRB għandha l-obbligu li tikkumpensa skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87 tar-Regolament 806/2014, tal-15 ta' Lulju 2014, tikkundanna lill-SRB u konsegwentement lill-Unjoni Ewropea sabiex jikkumpensaw lir-rikorrenti fl-ammont li huwa ekwivalenti għall-valur tal-azzjonijiet u tal-istrumenti azzjonarji li kienu proprjetà tar-rikorrenti fil-ġurnata qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, jew, jekk ikun il-każ, bl-ammont ekwivalenti għall-valur ekonomiku li kien ikollhom li kieku l-istituzzjoni finanzjarja kienet ġiet suġġetta għal proċeduri ta' insolvenza ordinarji fil-mument meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2017 – Relea Álvarez et vs SRB****(Kawża T-653/17)**

(2018/C 005/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* María Jesús Relea Álvarez (Madrid, Spanja), u 20 rikorrent ieħor (rappreżentanti: M. Gómez de Liaño Botella, V. Hernández-Talavera Martín, M. Gómez de Liaño Botella, F. Azpeitia Gamazo u L. Lopez Álvarez, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara r-responsabbiltà patrimonjali tal-Unjoni Ewropea għad-danni kkawżati u tikkundannaha għall-ħlas mill-fond tal-MUR għall-valur tal-istrumenti azzjonarji qabel l-eżekuzzjoni tar-riżoluzzjoni, jew sussidjarjament, għall-valur tal-imsemmija strumenti azzjonarji skont ir-rapport tal-espert imħejji minn persuna indipendenti, skont l-Artikolu 340, li fuq il-bażi tiegħu r-rikorrenti jakkumulaw l-azzjonijiet għal annullament ma' dik għal kumpens għad-danni sostnuti;
- tikkundanna għall-ispejjeż ta' din il-kawża skont l-Artikolu 132 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2017 – NeoCell vs EUIPO (BIOACTIVE NEOCELL COLLAGEN)****(Kawża T-666/17)**

(2018/C 005/61)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* NeoCell Holding Company LLC (Sunrise, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Edenborough, QC)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali li tindika l-Unjoni Ewropea "BIOACTIVE NEOCELL COLLAGEN" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 298 829 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Lulju 2017 fil-Każ R 147/2017-2

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- sussidjarjament, tibdel id-deċiżjoni kkontestata fis-sens li l-applikazzjoni għandha karattru distintiv suffiċjenti li ma tista' titqajjem ebda oġġezzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha skont l-Artikolu 7(1)(b) jew (c) tar-Regolament;